**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru: 2078/2023 MLF**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Numru: 2050/2023 fl-ismijiet:**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Francesca Spiteri**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' Francesca Spiteri tal-4 ta' Settembru 2023 fejn talbet il-hrug ta' kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, stante illi l-ammont mitlub gie depozitat permezz ta' cedola kontestwalment flimkien mal-ispejjez tal-mandat.

2. Rat ir-risposta tal-Kummissarju intimat.

3. Rat l-atti kollha ta' din il-procedura u d-dokumenti upprezentati.

4. Rat li fis-seduta tal-lum, l-avukat difensur tal-Kummissarju intimat iddikjarat illi peress li giet iffirmata formola tal-izbank tac-cedola tar-rikorrenti u thallsu l-ispejjez tal-mandat

ta' sekwestru w tal-kontro-mandat, il-Kummissarju tat-Taxxi m'ghandux oggezzjoni ghal hrug tal-kontro-mandat.

**Konkluzjoni**

5. Konsegwentement, il-Qorti qed tilqa` t-talba fir-rikors ta' Francesca Spiteri tal-4 ta' Settembru 2023 ghal hrug tal-kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi.

6. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-istess rikorrenti.

**Magistrat**